MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1872/1996/1

**Rita Cassar**

**Vs**

**Mario Schiavone**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici ghamlet cerimonja taz-zwieg mal-konvenut fl-4 ta' Marzu 1986 (Dok. A);

Premess illi miz-zwieg bejn il-kontendenti kien hemm tlett itfal u cioe` Georgeanne (Dok. B) Terese Johanna (Dok. B) u Chantellaine (Dok. C);

Premess illi l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja mizzewga u zzewweg lill-attrici peress illi din kienet harget tqila qabel iz-zwieg;

Premess illi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb b’qerq dwar xi kwalita jew kwalitajiet tal-konvenut li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja mizzewga ta’ bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u dan da parti tal-konvenut;

Premess illi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illifiz-zmien tac-cerimonja taz-zwieg il-konvenut ma kellux ir-rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Premess illi skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiiet ta’ Malta z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-4 ta’ Marzu 1986 huwa null u bla effett skond l-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma ghamilx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Rat id-digriet moghti fil-25 ta’ Novembru 1997 li permezz tieghu giet nominata bhala espert Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmija espert legali li tinsab a fol 20 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tal-15 ta’ Frar 2000;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni ta’ l-attrici hi mahsuba ghall-otteniment ta’ dikjarazzjoni ta’ annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-4 ta’ Marzu 1986;

Dan fuq il-presuppost illi l-kunsens taghha nkiseb b’qerq, mentri dak tal-konvenut kien vizzjat minn difett serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll ghar-raguni li l-konvenut ma kellux rieda bizzejjed ghar-rabta taz-zwieg u tal-komunjoni ta’ hajja flimkien ma’ martu;

Bazikament il-kwadru li jemani mill-provi jiddimostra dawn l-elementi essenzjali:-

I. Il-kontendenti zzewgu fl-4 ta’ Marzu 1986;

II. L-attrici tghid li kellha 17-il sena meta saret taf lill-konvenut. Wara biss tliet xhur li kienu ilhom jaffrekwentaw lil xulxin hi harget tqila;

III. Dak iz-zmien kienet ghadha mohh it-tfal. L-attrici giet deskritta bhala “mara sewwa” u “tifla bil-ghaqal” li ma tantx kienet tohrog barra mid-dar. Ohtha Helen Azzopardi kienet tghidilha s-soru daqs kemm kienet kwieta;

IV. Il-konvenut kien l-ewwel guvni li qatt iffrekwentat. Hi tistqarr li missierha kien gja miet u ommha, mara ta' dixxiplina u tal-knisja, kienet waslet biex tmut. Hadd qatt ma ghallimha l-affarijiet tas-sess tant li lanqas biss indunat li kienet harget tqila;

V. Iz-zwieg sar ghax hekk kienet ir-rieda ta' ommha. Dak iz-zmien il-konvenut kien ghadu kemm hareg mill-habs, qaxxar xaghru u mtela tpingija. Iz-zwieg sar ta' malajr u bla preparattivi ta' xejn. Il-konvenut kien, u baqa', dizokkupat. Lanqas wera tant propensita` ghax-xoghol u biex jghix il-hajja tieghu u jissodisfa l-vizzju tal-loghob kien biegh kull ma kellhom fid-dar;

VI. Jirrizulta li wara z-zwieg il-konvenut qatt ma wera interess la fl-attrici u wisq anqas f'uliedu tant li lanqas biss riedhom ikunu registrati fuq ismu. L-attrici tghid li meta l-konvenut sforzaha tiddikjarahom fuq isem xbubitha ttiehdu proceduri kriminali kontra taghha. Sahansitra wara li sar jaf li martu regghet harget gravida tilfet it-tarbija meta zewgha ipprova jtajjarha bil-karozza;

VII. Wara z-zwieg il-konvenut kompla jghix il-hajja ta' guvni, johrog mal-hbieb, joqghod barra mid-dar sa tard bil-lejl u gieli anke xhur. Fi kliem Giovanna Cassar, oht l-attrici, il-konvenut qatt ma ta kaz lill-familja tieghu. Wara li telaq definittivament mid-dar qabad relazzjoni ma' mara ohra u minnha ghandu zewgt itfal;

VIII. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien vjolenti u lit-tfal kien isawwathom u qatt ma mantnihom. Kien anke vjolenti ma' martu bhal fl-okkazjoni li kien heddidha b'revolver biex jikkostringiha taghmel l-att sesswali;

F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti hi altru milli moralment konvinta li l-attrici sabet ruhha vittma tas-sitwazzjoni u hi accettat li tizzewweg lill-konvenut minhabba l-fragilita` tal-karattru taghha. Issokkombiet ghal pressjoni ta' ommha biex tizzewweg wara li harget tqila. Kienet persuna inesperta u la kienet preparata ghaz-zwieg u wisq anqas kellha maturita` sufficcjenti ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Markatament dan kien hekk bil-wisq ovvju fil-

kaz tal-konvenut.  Mill-bidunett kien car illi mhux biss ma kellux dan il-gudizzju izda lanqas dak l-apprezzament valutattiv dwar id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga;

Mill-fatti akkwiziti huwa desumibbli wkoll illi l-konvenut qatt ma kellu l-hsieb li jghix il-hajja ta’ ragel mizzewweg f’komunjoni ta’ mhabba ma’ martu.  L-imgieba u l-attitudni tieghu fil-kors taz-zwieg tixhed l-ovvju.  Jigifieri li ma jqattax l-kumplament ta’ hajtu ma’ l-attrici u ma’ uliedu bhala nukleju familjari;

Evalwati l-osservazzjonijiet u d-deduzzjonijiet tal-perit legali din il-Qorti thoss li dawn fil-kumpless taghhom huma korretti.  Tista’ forsi zzid b’aggunta mal-motiv il-ghala z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi annullat l-aspett ravvizzat fis-subinciz (f) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Dan fis-sens fuq premess.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u b’hekk tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fl-4 ta’ Marzu 1986 huwa null u bla effett ghal motivazzjoni dedotta fl-Artikolu 19(1)(d) u (1)(f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg. Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 5 tal-process.

Tenut rigward tac-cirkostanzi kollha f’dan il-kaz l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------